# Santu Rokku
# - Qaddis meqjum f'raħalna wkoll

**Tagħrif miġbur minn Alex Busuttil**
B.Ed.(Hons.), M.Sc.

*Fost il-qaddisin venerati minn misirijietna f'Ħal Kirkop, insibu lil Santu Rokku, qaddis b'kult antik mifrux madwar il-gżejjer tagħna. Insibu kappelli iddedikati għalih f'Ħal Balzan, Birkirkara u Ħaż-Żebbuġ, statwi devozzjonali tal-ġebel f'raħalna, iż-Żurrieq u Ħal Għaxaq fost oħrajn, u numru kbir ta' referenzi pittoriċi f'diversi knejjes. Alex Busuttil jirrakkontalna il-ġrajja ta' dan il-qaddis u d-devozzjoni lejh.*

Jekk taqbad iddur l-irħula Maltin żgur għandek tiltaqa' ma' xi statwa jew xbieha ta' Santu Rokku - qaddis hekk popolari fil-gżejjer tagħna. U dan għaliex Santu Rokku kien meqjus minn missirijietna bħala Protettur ta' kontra l-marda tal-pesta. Din il-marda qerrieda ħakmet kemm-il darba u qerdet ħafna Maltin f'popolazzjoni li dawk iż-żminijiet kienet baxxa. Missirijietna Koppin ħasbu biex ikollhom din il-protezzjoni


Il-Kappella ta' Santu Rokku f'Ħal Balzan


Il-kappella ta' Santu Rokku f'Ħaż-Żebbuġ


L-istatwa ta' Santu Rokku, f'Birkirkara


L-istatwa ta' Santu Rokku, il-Belt Valletta



Dettall mill-istatwa ta' Santu Rokku fuq iz-zuntier tal-Knisja Parrokkjali ta' San Leonardu, Ħal Kirkop



L-istatwa ta' Santu Rokku, Ħaż-Żebbuġ

billi daħħlu l-qima lejn dan il-qaddis fil-parroċċa tagħna wkoll. Insibu pittura antika ta' Santu Rokku li llum-il ġurnata qiegħda fil-knisja tal-Lunzjata u statwa tal-ġebel li tinsab fuq in-naħa tal-lemin tal-bieb prinċipali tal-Knisja Parrokjali pariġġ l-istatwa tal-Patrun Tagħna San Leonardu li tinsab fuq in-naħa tax-xellug. Insibu wkoll niċċa tiegħu fit-triq San Benedittu.

Ix-xbieha ta' Santu Rokku hija interessanti ferm għaliex ġeneralment iġibuh liebes ta' pellegrin, juri ferita tal-pesta fuq siequ u b'kelb fejn saqajh b'biċċa ħobż ġo ħalqu. Dawn is-simboli kollha jfissru xi ħaġa mill-ħajja tiegħu kif ser naraw.



Dettall mill-istatwa ta' Santu Rokku, f'Ħal Kirkop

Rokku twieled *Montpellier* madwar is-sena 1340 A.D. Din hija belt kbira fin-nofsinhar ta' Franza. Hu kien ta' familja nobli, missieru kien il-gvernatur tal-belt. Minn twelidu diġa kien juri li kien speċjali għax twieled b'marka ħamra forma ta' salib fuq in-naħa tax-xellug ta' sidru. Meta kellu xi għoxrin sena missieru u ommu mietu u waqa' taħt il-kustodja ta' zijuh id-Duka ta' Montpellier. Iżda Rokku ma kienx ħsiebu fil-lussu ta' din id-dinja għax dlonk qassam kull ma kellu lill-foqra u beda jgħix ħajja fqira. Libes ta' pellegrin u ħarab lejn l-Italja f'pellegrinaġġ għall-belt qaddisa Ruma. Però fit-triqtu beda jgħaddi minn postijiet milqutin mill-marda tal-pesta. Fejn kien jersaq kien jgħin u jikkura l-morda tal-pesta u fejjaq ħafna minnhom. Jgħidu li minn fejn kien jgħaddi din il-marda kienet tiġi fix-xejn. Fost dawn l-ibliet fl-Italja nsibu Aquapendente, Cesena, Mantua, Modena, Parma u fl-aħħar Ruma.



Santu Rokku fil-kenn tal-għar hekk kif il-kelb ta' kuljum kien jeħodlu l-ħobż

Sadanittant hu wkoll qabditu l-marda tal-pesta u b'hekk fuq ix-xbihat tiegħu naraw dik il-ferita miftuħa fuq siequ. Kien wasal qrib il-belt ta' *Piacenza* u n-nies x'ħin rawh marid beżgħu u keċċewh 'l barra. Hu sab kenn ġo għar mwarrab fejn inzerta kien hemm nixxiegħa tal-ilma li seta' jixrob minnha. X'jiekol ma kellux iżda ġara' li b'miraklu Alla bagħat kelb li kuljum kien jeħodlu l-ħobż x'jiekol. Dan il-kelb kien iġib il-ħobż minn kastell fil-viċin. Għalhekk mela naraw ix-xbieha tal-kelb bil-ħobż f'ħalqu fejn saqajn Santu Rokku. Ġara li s-sid tal-kastell rah lil dan il-kelb iġorr il-ħobż u ġietu l-kurżità. Għalhekk iddeċieda li jmur warajh ħalli jara l-ħobż fejn kien qiegħed jieħdu. U allura permezz tal-kelb dan in-nobbli sab lil Rokku marid fil-għar, tħassru u għamel bħas-Sammaritan it-tajjeb. Ħadu fil-kastell tiegħu, ħa ħsiebu u kkurah sewwa . Hawnhekk Rokku fieq u reġa' ħa saħħtu.

Wara din il-ġrajja, Rokku reġa' kompla fi triqtu u dam xi sentejn jew tlieta jivvjaġġa fit-

Tramuntana tal-Italja jagħmel il-ġid u jfejjaq in-nies. Wara mar lura pajjiżu fi Franza iżda niesu ma għarfuhx minħabba l-istat ta' faqar li kien jinsab fih u t-tbatijiet kbar li kien sofra matul il-pellegrinaġġ tiegħu ġewwa l-Italja. Rawh stramb u qabdu u tefgħuh il-ħabs għax ħasbu li kien xi spija. Ħallewh l-ħabs bla ħtija għal ħames snin sħaħ sakemm fis-sittax ta' Awwissu tal-1378 il-gwardjan daħal fiċ-ċella fejn kien jinsab Rokku u nduna li kien qiegħed imut. Imma ħaġa tal-iskantament ġismu kien jiddi dawl ikħal. Il-gwardjan beża' u mar jgħid lil ta' fuqu. Il-kelma waslet f'widnejn il-gvernatur li kien iz-ziju ta' Rokku stess. Il-gvernatur mar hu stess il-ħabs u resaq viċin Rokku filwat li staqsih min kien. Rokku wieġbu b'leħen batut "Jien in-neputi tiegħek". Il-gvernatur ried ikun ċert u kien jaf li ħaġa waħda biss setgħet tikkonvinċih dik li jikxiflu sidru u hekku fuq sider Rokku tidher ċara l-marka ħamra tas-salib! U wara l-qaddis Rokku miet fil-paċi ta' Alla. In-nies ta' pajjiżu ddispjaċihom għal li kienu għamlu u tawh difna kif xieraq. Insibu li anke wara mewtu Santu Rokku għamel bosta mirakli.



Lura daru, Santu Rokku mitfugħ il-ħabs



Il-mewt ta' Santu Rokku fiċ-ċella

Fis-sena 1414 faqqgħet il-pesta ġewwa l-belt ta' Kostanza l-Italja u l-mexxejja tal-belt ordnaw talb speċjali lil Santu Rokku u purċissjonijiet ad unuru. Mill-ewwel il-pesta waqfet. Il-fdalijiet tiegħu nġarru għall-knisja iddedikata lilu ġewwa Venezja u tqegħdu ġo sarkofagu tal-ħġieġ. Il-knisja tiċċelebra l-festa tiegħu fis-16 ta' Awissu. It-Taljani huma l-iktar nies devoti tiegħu l-iktar fin-nofsinhar ta' l-Italja u aktarx id-devozzjoni tiegħu ġewwa l-gżejjer tagħna ġiet minn hemm peress li aħna sa mill-qedem nett konna nfluwenzati ħafna minn Sqallija.



**Mattia Preti, *Santu Rokku*, 1676-78, Knisja ta' Sarria, Floriana. Fuq il-lemin jidhru l-vittmi tal-pesta**

**Sorsi:**

http://www.stroccosociety.com/story1.htm
http://www.newadvent.org.cathen/13100c.htm